MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

## MAGISTRAT DR.
## PADOVANI JACQUELINE LL.D.

Seduta ta' 08 ta' Ottubru, 2002

Numru 33/1996

PULIZIJA
SPETTUR NEIL HARRISON
SPETTUR NICHOLAS CIAPPARA
VS
ALAN CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alan Camilleri ta' 20 sena, iben Emanuel u Filomena nee Micallef, imwieled Pieta fil-11 ta' Jannar 1976 joqghod 8, Pinto Alley 4, Qormi u detentur tal-karta tal-identita numru 116276M talli f'dawn il-gzejjer fit-23 ta' Settembru 1996, u fl-ahhar disa xhur qabel dina id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'risoluzzjoni wahda:-

a. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza, dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet

ta' Malta, lill-persuna/I, jew ghall-persuna/I, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tan-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta, li jforni d-droga imsemmija, minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza imsemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b. Tali kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Talli kkommetta dawn ir-reati, fi jew gewwa distanza ta' mitt metru minn perimetru ta' klabb jew centru taz-zghazagh bi ksur tal-artiklu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c. Talli fit-23 ta' Settembu 1996, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna il-mewt ta' Kevin Borg ta' 20 sena, iben Paul u Antonia nee Grech, imwieled Pieta fit-8 ta' Lulju 1976 u detentur tal-karta tal-identita numru 393876M.

d. Talli fit-22 ta’ Gunju 1996 f’dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu Medicini Specifikati u psikotropici meta ma kienx awtorizzat kif jmiss bi ksur tar-Reg 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement amendat u 35(b) u 89(a) u Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha tal-kap 31 tal-Ligi ta’ Malta u Art 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali that liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tat-28 t’Awissu 1998 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tat-3 t’Ottubru 2001 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi (a), (b) minghajr l-aggravju tal-mitt metru u (d).

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi fit-23 ta’ Settembru 1996 ghal habta tal-11.15am l-ufficjal prosekutur gie mgharraf illi certu Kevin Borg minn Hal Qormi maghruf bhala in-Nemes kien instab mejjet fir-residenza ta’ Alan Camilleri f’Hal Qormi.(ara xhieda a fol 13 sa 24)

Illi l-ufficjal prosekutur acceda ghal fuq il-post u sab lil Kevin Borg wiccu il-fuq f’tarf tas-sodda b’saqajh imdendlin mit-tarf tas-sodda. Kevin Borg ma kellux siringi fuq il-persuna tieghu izda fuq it-twaletta tal-istess kamra kien hemm siringa u fil-kxaxen tal-istess mejda kien hemm xi qratas vojta u affarijiet in konnessjoni mal-uzu tad-droga.

Kevin Borg kien maghruf mad-Drug Squad bhala persuna illi **<u>juza u jbiegh id-droga</u>**. Mill-investigazzjonijiet preliminari tal-pulizija jirrizulta illi meta Kevin Borg kien qed jiehu d-droga dan kien fil-kumpanija ta' Alan Camilleri, l-imputat. Infatti l-imputat inzamm fuq il-post sakemm tlestiet l-imkjesta mill-Magistrat imbaghad ittiehed id-Depot ghall-aktar investigazzjoni.

Spettur Neil Harrison qal illi Camilleri verbalment qal lill-pulizija illi ghal habta ta' xi l-10 u kwart hu u Kevin Borg kienu qed jiehdu l-eroina flimkien u bl-uzu ta' siringi differenti u li f'hin minnhom Borg hassu hazin u ma kienx qed jiehu n-nifs u ghaldaqstant l-imputat hareg jigri jitlob ghall-ghajnuna.

In segwitu bdiet l-inkjesta magisterjali u gew nominati diversi esperti waqt li Dr Jacqueline Cowinski iccertifikat lil Kevin Borg bhala mejjet. L-kagun tal-mewt mhux maghruf, u. Il-leve de corps sar minn Dr Mario Scerri.

Fuq il-katavru ta' Borg instabu diversi "puncture wounds" u wahda minn dawn dehret friska. Infatti fuq l-istess id xellugija Borg kellu "tourniquet" maghmula minn faxxa.

Il-pulizija imbaghad ghamlu tfittxija intensiva fir-residenza kollha fil-presenza tal-imputat fejn instabu diversi oggetti li ghandu x'jaqsmu ma traffikar u abbuz ta' drogi. Fost affarijiet ohra instab pitazz illi minnu kien jidher li jitqattghu karti forma ta' sachets. Instabu wkoll xi sachets maqtughin mill-istess pitazz. Dawn ma kienux jikkontjenu id-droga.

Instabet sachet vojta taht it-twaletta u fuq it-twaletta siringa wzata, mgharfa li kellha xi tracci ta' droga fuqha u "lighter" illi fuqha kellha miktub "nemes", siringa gdida, bicca drapp bi tracci ta' demm fuqha, imqass, bott tal-"ice tea" kontenenti "citric acid", sikkina b'xi tracci ta' droga fuqha. Dawn l-oggetti kollha fost affarijiet ohra gew elevati mis-Scene of Crime Officers.

Mill-interrogazzjoni ta' Camilleri jirrizulta illi huwa kien ilu jabbuza mill-eroina minn Awissu tan-1995 u beda jiehu d-droga intravines kwazi mill-ewwel. Illi fir-residenza tieghu

kien joqghod sa ftit qabel Jason Lee Borg. Dan tal-ahhar pero beda jaghmel programm residenzjali ghar-riabilitazzjoni kontra d-Droga u ghaldaqstant l-imputat kien baqa jghix wahdu.

Alan Camilleri qal illi l-mejjet Kevin Borg kien sar jafu fil-pjazza ta’ San Bastjan Qormi u li ftit xhur qabel dan l-incident hu u Kevin kienu jiehdu l-eroina flimkien.

Alan Camilleri spjega illi huma wkoll kienu jbieghu id-droga flimkien minn Marzu tan-1996. Alan Camilleri qal lill-pulizija illi Borg kien gie ihabbatlu il-bieb fl-10am u kien gab mieghu pakkett bl-eroina u tlett siringi. Camilleri stqarr illi Borg stiednu jiehdu l-eroina flimkien, li Borg beda jipprepara l-eroina fl-imgharfa u Camilleri gibed 30ml mill-imgharfa waqt li Borg gibed 30ml ohra.

Camilleri qal illi Borg kien infurmah illi kien ghadu kemm belgha kwantita ta’ pilloli Tryptizol, Dalmein u Valium. Camilleri stqarr mal-pulizija dak il-hin stess illi kien widdeb lil Borg biex allura ma jiehux dik l-eroina kollha f’salt u sabiex jiehu almenu 15ml u ghalhekk l-imputat zvojta nofs il-kontenut tas-siringa fl-imgharfa pero hallielu is-siringa u l-imgharfa fuq it-twaletta. L-imputat imbghad nizel isfel sabiex jimla xi jerrycans bl-ilma u wara li tela fuq sab lil Borg mitluf min sensieh u induna illi Borg fil-fatt kien ha il-kontenut kollha tas-siringa kif wkoll dak kollu li kien ghad fadal fl-imgharfa.

L-imputat ipprova jqajmu pero Borg baqa ma jaghmel ebda reazzjoni, ghaldaqstant Camilleri hareg jigri jghajjat lil gara Calleja u cempel ghall-ambulanza. Waslu il-pulizija u l-ambulanza. L-imputat rega tela fuq u baqa ma Borg li baqa minghajr ebda sinjali ta’ hajja. L-imputat cahad illi kien hu illi kien ta id-droga lill-mejjet jew li kien ha sehem fil-preparazzjoni tad-droga. Ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija pero ikkonferma l-istqarrija li ta’ lill-pulizija quddiem il-Magistrat Inkwirenti fil-25 ta’ Settembru tal-istess sena.

PS509 Lentini (fol 26 sa 29) xehed illi huwa kien irceva telefonata mill-isptar b’talba ghall-assistenza fuq kaz ta’

"overdose" go 8 Alley 4, Pinto Street, Qormi. Illi hu ghaldaqstant tela fuq il-post u kien l-imputat illi wera lill-pulizija il-post preciz tal-incident u kien hemm illi sab lil Kevin mitluf min sensieh.

PS Lentini ordna lill-imputat jinzel isfel mal-pulizija jistenna l-ambulanza u hekk ghamel.

Wara li giet l-ambulanza u sabu illi ma kien ebda sinjal ta' hajja fuq Borg stennew illi tigi it-tabiba tal-Polyclinic sabiex isir ic-certifikat rikjest.

PS Lentini  induna illi hu kien gja jaf lill-mejjet ghaliex kienu wettqu search fuqu ftit qabel u ghaldaqstant diga kellu il-particulars kollha l-ghassa. Lentini xehed illi huwa talab lill-imputat jghidlu x'gara u li Camilleri qallu li kien nizel jgib l-ilma min isfel u kif tela sab lil Borg fil-posizzjoni li instab mill-pulizija. Qallu li kien ha l-eroina.

Lentini xehed illi fl-entratura tal-isqaq innota illi kien hemm borza tal-plastic f'xi trab kannella fiha u informa lis-superjuri tieghu.

Helen Calleja (fol 30 sa 35) xehdet illi fit-23 ta' Settembru 1996 hija kienet id-dar u semghet lil xi hadd jibki u hareg tittawwal u sabet lill-imputat u meta talbitu x'gara qallha illi siehbu kien qed jmut. Staqsietu jekk ridtx illi hija iccempel ghall-ambulanza u wegibha fl-affermattiv u hija dahlet iccempel.

Illi Camilleri dahal warajha, ha t-telefon min idha u beda jinforma lil tal-ambulanza illi l-persuna kienet qed tmut u li kellu jigi b'urgenza.

l-Assistant Kummissarju Michael Cassar (fol 44) xehed illi huwa gie infurmat b'dan l-incident u acceda fuq il-post u dahal fil-kerrejja u sab lil persuna tal-imputat. Jikkonferma li sab lil Kevin Borg bla sinjali ta' hajja u ikkonferma il-posizzjoni tieghu fuq is-sodda.

Xehed illi huwa ra diversi affarijiet konnessi mal-abbuz u t-traffikar ta' droga. Illi huwa imbaghad avvicina lill-imputat,

tah il-“caution” u beda jistaqsieh x’gara u l-imputat qallu illi kien gie Kevin Borg b’pakkett eroina ta’ gramma, li Kevin stess kien ipprepara dan il-pakkett u gibed xi 40ml mis-siringa. L-imputat qallu wkoll illi Borg kien qallu illi kien ikkonsma xi Dalmien, Valium u Tryptizol u li ghalhekk l-imputat kien nehha xi 20ml mis-siringa ta’ Kevin u wissieh illi inkella ser twegghu. Kien halla l-“excess” fl-imgharfa fejn kienet qed tigi ippreparata id-droga. L-imputat ha id-doza tieghu u nizel isfel. Meta rega tela fuq l-imputat sab lil Kevin mixhut lura fuq is-sodda u li il-likwidu li kien fl-imgharfa kien gheb u allura assuma illi Kevin kien ikkonsma anki dik id-droga illi kien nehhielu Camilleri. Meta irrealizza hekk mar jigri jgib l-ghajnuna

L-imputat qal wkoll illi sakemm mar jgib l-ghajnuna, Borg kien ghadu qed jiehu in-nifs izda sa kemm lahqet giet l-ghajnuna Kevin kien miet. Fl-entrata tal-bieb principali l-AC Cassar osserva borza tal-plastic bi trab li jaghti fl-orangjo kif wkoll xi karti vojta tas-sachets li intuzaw ghall-eroina. Qal wkoll illi kien hemm kamra fil-bitha fejn sab pitazz illi kellu pagni imqasqsin. Kien hemm diversi sachets jew forma maqtugha ta’ sachets li kienu nodfa u li kien hemm zewg sachets vojta fl-art.

Illi imbaghad saret l-inkjesta u sussegwentement l-imputat gie mehud id-depot fejn fl-istqarrija tieghu (ara fol 6 tal-process verbal anness ma dawn l-atti) rega tenna il-versjoni tieghu. Din l-istqarrija ma gietx iffirmata mill-imputat izda giet konfermata bil-gurament tieghu quddiem il-Mag. Dr T Micallef Trigona LL.D.

Illi in vista tal-ammissjoni tal-imputat dwar il-pussess u traffikar ta’ droga f’dan il-kaz il-Qorti mhijiex ser taghmel accenn dwar il-provi kontenenti dan il-process ghal rigward ta’ dawn l-akkuzi u ser tillimita ruhha ghall-provi o meno fuq l-akkuza ta’ omicidju involontarju ta’ Kevin Borg kontra l-imputat.

Mir-relazzjoni tal-Perit Albert Fenech (fol 174 sa 180) jirrizulta, wara li ittiehdu il-qisien mehtiega, illi l-fond fejn joqghod l-imputat jinstab “gewwa c-cirku raggi ta’ mitt metru mill-fond ta’ fejn kien joqghod l-imputat (fol 177) u

cioe il-konfini l-aktar vicin tal-iskola qeghdin madwar 55 metru waqt li l-klabb qieghed 80 metru il-boghod mill-fond in kwistjoni."

Li in oltre mill-posizzjoni indika minn PC260 Azzopardi il-karozza Daihatsu Charade u s-sachet misjuba indikata fil-pjanta Dok AF2 a fol 180, dawn wkoll jaqghu f'cirku raggi ta' mitt metru fuq indikat.

Fix-xhieda tieghu, PC260 Azzopardi (fol 181 et seq) ikkonferma il-posizzjoni tal-karozza kif indikata mill-Perit Fenech fil-pjanta dok AF2.

Mix-xhieda ta' Joe Gerada (fol 185) jirrizulta illi l-imputat Alan Camilleri ma kellux control card biex jipposjedi kwalunkwe sostanza li taqa taht id-Drogi jew Sustanzi Tossici.

Illi mix-xhieda ta' Dr David Cassar, Psikjatra, irrizulta illi Alan Camilleri ghadda min tfulija mimlija problemi familjari u emozzjonali, imbaghad fi tfulitu, cioe mill-eta ta' sittax il-sena, beda jabbuza mid-drogi u qatta hajtu f'gangs li jiddelettaw b'vjolenza minghajr kontroll.

Illi fil-mori tal-kawza pero Alan Camilleri dahal programm residenzjali ghar-riabilitazzjoni kontra d-droga u skond ir-rapport tal-istess Dr Cassar ghamel tibdil serju u radikali fil-hajja tieghu. Irnexxielu mhux biss jaqta id-dipendenza tieghu fuq id-droga, sar stabbli, sab impjieg regolari, sar kapaci jiddistingwi bejn it-tajjeb u l-hazin, u beda jgharaf id-difetti u l-vunerabilitajiet tieghu. Li din il-Qorti imbaghad kellha l-opportunita issegwi il-progress tal-imputat mil-ufficjali gholja tal-Caritas.

Fix-xhieda tieghu, l-imputat ikkonferma l-istqarrija li kien ghamel ghal pulizija li kien ikkonferma fl-inkjesta. Illi zamm fermissimu mas-sekwenza tac-cirkostanzi b'mod specjali ghal min fil-fatt gab l-eroina, hal kif ittiehdet din id-droga u kif ra kif jikseb l-ghajnuna ghal siehbu li kien qed jmut. Zamm wkoll ferm mac-cirkostanza tal-pilloli illi kien ikkonsma Borg li dwarhom kien diga ta ir-rakkont tieghu a tempo vergine.

Ta rakkont shih tal-abbuz tieghu tad-droga u kif kien jitraffika biex jzomm lilu nnifsu fil-vizzju.

Ta rakkont wkoll tal-istorja familjari tieghu u tad-diffikulta li kellu fi tfulitu.

Stqarr mal-Qorti wkoll ta' kemm kienet iebsa biex teghleb il-vizzju tad-droga u li irnexxielu jispicca l-programm.

Ghazel pero ghal ragunijiet tieghu biex ma jisvelax is-sorsi ta' min kien jissuplixxielu id-droga.

Rat id-diversi xhieda ta' l-ufficjali tal-Caritas u ir-rapporti regolari taghhom illi dejjem urew progress meqjus. (ara ez. Xhieda fol 263 u fol 454)

Ikkunsidrat:-

Illi fit-trattazzjoni (fol 458 et seq) il-prosekuzzjoni serhet l-akkuza ta' omicidju involontarju fuq is-segwenti fatturi:-
1. Illi l-imputat Alan Camilleri pprovda l-post cioe id-dar tieghu fejn Kevin Borg seta jabbuza mid-droga.
2. Pprovda l-ghodda necessarja biex permezz taghhom jsir l-abbuz ta' droga billi pprovda il-kuccarina li fiha giet imsajra d-droga kif wkoll c-"citric acid" li tintuza biex tissajjar id-droga.
3. Il-fatt illi Kevin Borg effettivament miet b'overdose ta' drogi u dan gie stabbilit min Dr Michael Sammut (tossikologu) u l-patologisti.
4. L-Art 225 tal-kap 9 jitkellem dwar "nuqqas ta' hsieb u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti" u certament l-imputat bi ksur ta' regolamenti u ligijiet taht kap 101, pprovda l-oggetti li kellhom x'jaqsmu mad-droga u ffacilita u ghamilha possibbli li Kevin Borg jabbuza mid-droga li eventwalment qatlitu.
5. Il-prosekuzjoni ssollevat il-fatt illi kuntrarjament ghal dak li jghid l-imputat Camilleri, c-cirkostanzi ta 'dan il-kaz kollha jindikaw illi d-droga li ha Kevin Borg kienet fil-fatt fid-dar tal-imputat Camilleri u mhux gabha mieghu Kevin Borg. Dan gie imsahhah mix-xhieda ta' Simon

Chircop u Matthew Farrugia li t-tnejn xehdu li kienu jmorru d-dar tal-imputat biex jixtru d-droga.

Min-naha l-ohra id-difiza rriteniet illi l-imputat a tempo vergine innega li kien ta' d-droga lil Kevin Borg u baqa jsostni li kien gabha mieghu Borg. A tempo vergine wkoll l-imputat ammetta l-akkuza ta' traffikar ta' droga.

Illi inoltre kien l-imputat Camilleri illi wissa lil Borg biex ma jehux id-droga meta induna illi Borg kien ikkonsma xi medicinali bhal Tryptizol u Valium ftit qabel.

Illi jirrizulta mill-provi illi Kevin Borg wara li gab id-droga beda jsajjar l-istess.

Apparti min dana kollu meta Kevin Borg safa vittma ta' overdose, l-imputat ma harabx u kien l-imputat Camilleri li ta l-alarm mal-gara, li sejhet l-ambulanza u nizel fit-triq jistenna l-ambulanza minhabba li d-dar tieghu kienet imwarrba.

Ikkunsidrat:-

L-artikolu li jiddelineja r-reat ta' omicidju involontarju huwa l-artikolu 225 tal-kap 9 li jipprovdi "kull min b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel, meta jinsab hati il-piena etc"

Ma hemm dubbju ta' xejn illi Alan Camilleri b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti abbuza minn u ttraffika d-droga eroina. Camilleri ghamel ammissjoni cara u skjetta dwar dan bla tlaqliq mill-pulizija a tempo vergine. Jsegwi li fid-dar tieghu jinsabu mhux biss id-droga izda l-oggetti u l-ghodda necessarji ghal min jabbuza min dan il-vizzju mishut. Pero min dan jsegwi li l-imputat ghandu jinstab hati ta' omicidju involontarju ta' siehbu Kevin Borg. X'wassal ghal kawza tal-mewt ta' Borg?

Is the accused's conduct sufficiently proximate to the crime charged?

In-nexus tac-cirkostanzi li pprecedew il-causa tal-mewt ta' Borg giet interrotta b'agir volontarju u bla kont ghal hajja u s-sahha da parti tal-istess Borg?

Dawn il-materji jehtieg jigu indirizzati sabiex din il-Qorti tkun tista tasal ghall-htija o meno f'akkuza ta' omicidju involontarju.

Illi din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa x-xhieda prodotta bl-ebda mod ma tista tasal ghall-konkluzzjoni li l-agir tal-imputat kien "sufficiently proximate" ghal causa tal-mewt ta' Borg.

X-xhieda prodotta turi li kemm l-imputat kif wkoll Borg kienu "drug addicts" u traffikanti sabiex jkunu jistghu jmantnu il-vizzju kapriccuz taghhom. Dan hu ammess mhux biss mix-xhieda tad-difiza izda wkoll mix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni.

Ix-xhieda f'dan il-process turi li **kien Kevin Borg li gab id-droga mieghu**, kien **hu** li sajjarha, u kien **hu li injetta** fih inifsu. Il-fatti li uza kuccarina u "citric acid" tal-imputat **huma remoti u marginali** ghal maniera li biha miet Borg.

Li kieku l-prosekuzzjoni kellha xhieda ta' terz spettatur ghal xena tal-abbuz tad-droga u ta' xhieda li Camilleri kiseb, sajjar u injetta lil Borg, il-posizzjoni setghet kienet differenti.

Hawn ma jesistux dawn it-tipi ta' prova u ghaldaqstant il-Qorti ma ssibx li l-agir tal-imputat immedjatament qabel il-mewt ta' Borg kien "sufficiently proximate" ghal kif miet Borg.

Illi di piu din il-Qorti meta gharblet in-nexus tac-cirkostanzi immedjati u precedenti ghal mewt ta' Borg, sabet illi dan in-nexus gie interrott – fratturat bl-agir antecedenti ta' Borg.

Il-causa tal-mewt ta' Kevin Borg ma kenitx l-amministrazzjoni ta' droga li Borg kkonsma fid-dar tal-

imputat Camilleri. Il-causa tal-mewt kienet il-cocktail fatali ta’ Tryptizol u Valium li Kevin Borg ha qabel ma mar ghand Camilleri u r-reazzjoni ta’ dawn mal-eroina. Kieku il-causa tal-mewt kienet il-konsum tal-eroina f’dar l-imputat, kieku l-Qorti x’aktarx kien jkollha quddiemha mhux biss mewt ta’ Kevin Borg izda wkoll il-mewt tal-istess imputat.

Ma t-tehid ta’ pilloli l-imputat Camilleri mhu b’ebda mod implikat. Ghal kuntrarju hemm ix-xhieda tal-imputat a tempo vergine li avza lil Borg biex ma jiehux d-doza ta’ eroina shiha.

Illi din il-Qorti ghalhekk ma tarax illi l-prosekuzzjoni irnexxielha  tipprova illi l-agir tal-imputat kien “sufficiently proximate to the crime charged” u l-anqas ma rnexxielha tipprova illi in-nexus tal-causa tal-mewt ma gietx interrotta materjalment min agir volontarju u bla kont tad-decuius.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti ma tistghax ssib lill-imputat hati tal-akkuza ta’ omicidju involontarju ta’ Kevin Borg.

Illi ghar-rigward tal-akkuzi l-ohra din l-Qorti ssib lill-imputat Camilleri hati skond l-akkuza b’aggravju tad-distanza (li tirrizulta ben provata skond ir-relazzjoni ta’ Albert Fenech, x-xhieda ta’ Chircop u Matthew Farrugia).

Illi fir-rigward tal-piena din il-Qorti fliet bir-reqqa l-“pre-sentencing report” abbli ta’ Carmen Nygaard, Probation Officer, u semghet ir-rapporti tal-ufficjali tal-Caritas dwar l-imputat li mhux biss irnexxielu jispicca programm izda qieghed jaghti “talks” lill-“addicts” ohra f’programmi ta’ riabilitazzjoni fuq talbiet tal-istess Caritas.

Din il-Qorti mghandhiex dubbju illi l-istorja ta’ Alan Camilleri mill-punto di vista ta’ riabilitazzjoni hija “a success story”.

Illi dan pero ma jnaqqasx ir-responsabbilita kriminali tieghu f’ghajnejn il-ligi u f’ghajnejn is-socjeta. L-imputat ghazel ghar-ragunijiet tieghu illi ma jizvelax is-sorsi tad-

drogi u ghaldaqstant ma jimmeritax beneficcju ta’ tnaqqis ta’ piena skond l-Art 29 tal-kap 101.

Jrid jinghad pero illi hawn si tratta ta’ **traffikant uzant** – u mhux **traffikant negozjant.** Il-provi juri illi l-gwadan li ghamel l-imputat kien tali biex kemm kemm izommu fil-vizzju mistkerr tieghu. Hemm provi sgjaccanti illi l-imputat kien jghix f’kerrejja, kwazi mizbla, l-anqas dicenti ghall-annimali ahseb u ara ghal bnedmin.

Din il-Qorti obiter wkoll tiddikjara illi taghraf is-sens tal-irgulija tal-imputat li ma abbandunax lil siehbu fil-mewt ghalkemm seta jaghmel dan facilment biex jibza ghal gildu u biex jipprotegi ruhu mill-konsegwenzi ta’ dawn il-proceduri.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat Reg 4 u 8 tal-GN 292/1939 kif emmendat b’kap 101, Art 22(2) u disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza Dwar Medicini Perikoluzi kap 101, Reg 5 tal-Avviz Legali 22/1985 kif emmendat, 35(b), 89(a) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha Kap 31 u Art 16 Att V tal-1985 kif emendat u tikkundannah ghal sentejn prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat qatta f’arrest preventiv u tikkundannah jhallas Lm500 multa li ghandhom jithallsu fi tlett pagamenti ugwali tul tlett snin, kull pagament dovut f’gheluq is-sena mis-sentenza..

Il-Qorti tirrakomanda illi l-imputat jkompli jsegwi programm ta’ riabilitazzjoni kontra d-droga mill-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.